5.2 Applikanti taħt paragrafu 5.1 (b) (ii) jiġu kkunsidrati biss f'każ li ma jkunx hemm biżżejjed applikanti taħt paragrafu 5.1 (b) (i). Barra minn hekk dawn jinħatru fil-kariga meta jiksbu l-*warrant* biex jipprattikaw il-professjoni ta' Avukat matul il-perjodu ta' validità tar-riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kemm-il darba jkun hemm vakanza. Fil-każ ta' applikanti li jgħaddu taħt paragrafu 5.2, l-amministrazzjoni tirrakkomanda l-ħatra tal-kandidat/a li jkun/tkun kiseb/kisbet l-ogħla post fl-ordni tal-mertu u li jkun/tkun ġab/ġabet il-*warrant*, basta jkun hemm vakanza.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNDP) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-assenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-*iscanner* huma aċċettabbli.

7.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

7.3 a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u

the Malta Public Service must produce a recent Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

5.2 Successful applicants under paragraph 5.1 (b) (ii) will only be considered for appointment if there are not enough successful applicants under paragraph 5.1 (b) (i). Such successful applicants, moreover, will only become eligible for appointment when they obtain the warrant to practice as Advocates in Malta during the validity period of the result of this call for applications, provided vacancies are available. In the case of successful applicants under paragraph 5.2, the administration will recommend the appointment of the highest placed candidate in the order of merit who is in possession of the Warrant, subject to availability of vacancies.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3 (a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the

ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

(b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f' sub-paragrafu (b) hawn fuq.

8.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi determinat min hu adatt għal dan il-post.

8.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: (http://www.psc.gov.mt). Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.3 Ir-riżultat jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Direttorat tar-Riżorsi Umani, Ministeru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

8.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

8.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at: (http://www.psc.gov.mt). A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.3 The result will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Public Service Commission and the Human Resources Directorate, Ministry for Justice, Dialogue and the Family, Palazzo Ferreria, 310, Republic Street, Valletta.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within 10 working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

9. Persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hi adatta għal dan il-post.

10.1 Persuna magħżula tista' wkoll li tkun meħtieġa tattendi għal laqgħat/konferenzi kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

10.2 Persuna li tintbagħat barra minn Malta għal laqgħat/konferenzi tkun marbuta bil-kundizzjonijiet relevanti mniżżla fil-*Public Service Management Code*.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Direttorat tar-Riżorsi Umani, Ministeru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta.

12. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Curriculum Vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha jintlaqgħu primarjament mid-Direttorat tar-Riżorsi Umani, Ministeru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Ottubru, 2012.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ simili ieħor sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Ottubru 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttorat tar-Riżorsi Umani, Ministeru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 2124 3177.)

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn mid-Direttorat tar-Riżorsi Umani.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data tal-għeluq. Id-Direttorat tar-Riżorsi Umani, Ministeru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-20 ta' Settembru, 2012

9. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

10.1 The selected applicant may also be required to travel abroad to attend meetings/conferences.

10.2 When proceeding abroad to follow meetings/conferences he/she will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Human Resources Directorate, Ministry for Justice, Dialogue and the Family, Palazzo Ferreria, 310, Republic Street, Valletta.

12. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director, Human Resources Directorate, Ministry for Justice, Dialogue and the Family, Palazzo Ferreria, 310, Republic Street, Valletta by not later than noon (Central European Time) of Friday, 12th October, 2012.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the noon (Central European Time) of Friday, 12th October 2012, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Human Resources Directorate in the Ministry for Justice, Dialogue and the Family by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving department is +356 2124 3177).

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Human Resources and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Human Resources, Ministry for Justice, Dialogue and the Family within seven (7) days.

20th September, 2012

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Ingaġġ mill-Ġdid ta' Uffiċjali Pubbliċi Rtirati u Ingaġġ ta' *External Recruits* Irtirati fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Is-Segretarju Permanenti (Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) jilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* irtirati bil-kwalifiki relevanti u b'esperjenza, li jkunu uffiċjali pubbliċi irtirati jew individwi rtirati li qabel ma kinux uffiċjali pubbiċi iżda li jkollhom l-istess rekwiżiti, għall-post imsemmi hawn taħt:

Consultant Cardiologist

Dawk li jintgħażlu jiġu impjegati fuq bażi kuntrattwali *full-time/part-time* li f'ebda każ ma jiġi estiż il-perjodu ta' tnejn u erbgħin (42) xahar jew meta l-impjegat ikun għalaq il-ħamsa u sittin (65) sena, skont liema jiġi l-ewwel.

Min jintgħażel jitħallas skont ir-regoli u r-regolamenti li japplikaw kif tiddeċiedi d-Diviżjoni tas-Servizzi tal-Kura tas-Saħħa.

Dawk li jintgħażlu ma jkunux intitolat għall-benefiċċji, inklużi r-remunerazzjonijiet, kif stipulati fil-kuntratt tagħhom.

Il-kwalifiki u l-esperjenza li wieħed jgħid li jkollu għandhom ikunu msaħħa biċ-ċertifikati u/jew dokumenti, li kopji tagħhom għandhom ikunu mehmuża mal-applikazzjoni flimkien mal-*curriculum vitae*, waqt li l-oriġinali għandhom jintwerew għall-verifika meta jintalbu. Għandha tintbagħat ukoll xhieda li min japplika jkollu l-liċenzja biex jipprattika l-professjoni medika f'Malta, maħruġa mill-Kunsill Mediku.

L-applikazzjonijiet u d-dokumenti relatati jintlaqgħu mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Saħħa), 6, Sqaq Harper, Floriana FRN 1940 mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) sal-Ħamis, l-4 ta' Ottubru, 2012, u tintbagħat irċevuta fi żmien sebat (7) ijiet. Min ikollu xi mistoqsija għandu jibgħata fl-indirizz imsemmi jew permezz ta' *email* b'dan l-indirizz: (recruitmenthealth.mhec@gov.mt).

L-20 ta' Settembru, 2012

MINISTRY FOR HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Re-engagement of Retired Public Officers and Engagement of Retired External Recruits within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

The Permanent Secretary (Health, Elderly and Community Care) within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care invites applications from suitably qualified and experienced retired Medical Practitioners, being retired public officers or retired individuals not having previously been public officers but who possess the same requisites, for the post specified hereunder:

Consultant Cardiologist

Selected persons will be employed on a full-time/part-time contract basis which shall in no case be extended beyond a period of forty-two (42) months or beyond the employee's sixty-fifth (65th) birthday, whichever is the earlier.

Selected persons will be paid in accordance with applicable rules and regulations as determined by the Health Care Services Division.

Selected applicants shall only be entitled to the benefits, including remuneration, as laid down in their contract.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application together with a Curriculum Vitae, with originals to be produced for verification upon request. Evidence of possession of a License to practice the medical profession in Malta, issued by the Medical Council, is also to be sent with the application.

Applications and supporting documents will be received by the Assistant Director, Human Resources (Health), 6 Harper Lane, Floriana FRN 1940 by not later than noon (Central Europe Time) on Thursday, 4th October, 2012 and acknowledged within 7 days. Any queries are to be addressed to the above address or on e-mail address (recruitmenthealth.mhec@gov.mt).

20th September, 2012

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti

Sejħa għall-Applikazzjonijiet għall-Provvediment ta' Servizzi Legali

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-provvediment ta' Servizzi Legali għall-Uffiċċju tal-Regolament tal-Bini, fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Min jagħti dawn is-servizzi legali jkun mitlub li jagħti pariri lill-Uffiċċju tar-Regolament tal-Bini fl-amministrazzjoni tal-Att dwar ir-Regolamenti tal-Bini u leġiżlazzjoni sussidjarja relata, kif ukoll rigward l-aspett tal-infurzar tal-leġiżlazzjoni msemmija. B'żieda ma' dan l-applikant li jintgħażel ikun meħtieġ li:

jgħin lill-Uffiċċju biex jiddraftja regolamenti,
jirrappreżenta lill-Uffiċċju fi proċeduri ġuridiċi, inkluża kull għajnuna li tista' tkun meħtieġa minn uffiċjali prosekutanti,
tiddraftja u tressaq atti ġuridiċi relevanti,
tattendi għal laqgħat ma' diversi entitajiet; u
tipprepara l-minuti tal-kuntratti.

L-applikanti għandu jkollhom *warrant* biex jeżerċitaw il-professjoni ta' Avukat f'Malta u għandu jkollhom tal-anqas tnax-il sena esperjenza ta' xogħol relevanti *(post-warrant)*.

Applikanti prospettivi għandhom jikkwotaw ir-rata kull siegħa (VAT inkluża) għas-servizzi legali li qed jintalbu. L-Uffiċċju ma jkunx marbut li jagħżel l-aktar offerta vantaġġuża. Tingħata preferenza lil dawk l-applikanti li jkollhom esperjenza prattika fl-oqsma tal-liġi amministrattiva, ċivili u kriminali, kif ukoll fit-tfassil ta' abbozzi ta' leġiżlazzjoni. L-esperjenza li wieħed/waħda jgħid/tgħid li jkollu/ha għandha tkun muri bil-provi/dokumenti relattivi. L-applikanti jistgħu jintalbu joqogħdu għal intervista.

Min jintgħażel ikun meħtieġ li jidħol f'kuntratt ta' ftehim għal perjodu tal-anqas ta' sena, biex jagħti s-servizzi msemmija hawn fuq, kif meħtieġ, skont l-esiġenzi tal-Uffiċċju u soġġett għal prestazzjoni sodisfaċenti, il-perjodu indikat jista' jiġi mġedded għal aktar żmien.

Il-formoli tal-applikazzjoni jinkisbu mill-*Cash Office* tad-Direttorat tal-*Financial Management*, Blokk A, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Triq Francesco Buonamici, Floriana.

L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae*, inklużi l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Blokk B, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Triq Francesco Buonamici, Floriana, sa nofsinhar tal-Ġimgħa, it-28 ta' Settembru, 2012.

L-20 ta' Settembru, 2012

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

Office of the Permanent Secretary

Call for Applications for the Provision of Legal Services

Applications are invited for the provision of Legal Services to the Building Regulation Office, within the Ministry for Resources and Rural Affairs. The provider of legal services will be requested to tender advice to the Building Regulation Office in the administration of the Building Regulation Act and related subsidiary legislation, as well as with respect to the enforcement of said legislation. The selected applicant will furthermore be required:

to assist the Office in the drafting of regulations,
to represent the Office in judicial proceedings, including any assistance which may be required by prosecuting officers,
to draft and file relative judicial acts,
to attend meetings with various entities; and
to draft contracts.

Applicants must be in possession of a warrant to exercise the profession of advocate in Malta and have at least twelve years of relevant work experience (post-warrant).

Prospective applicants are to quote an hourly rate (including VAT) for the legal services being requested. The Office shall not be bound to choose the cheapest offer. Preference will be given to those applicants having hands on experience in the fields of administrative, civil and criminal law, as well as in the drafting of legislation. Experience claimed ought to be supported by relative testimonials. Applicants may be requested to attend an interview.

The selected applicant will be required to enter into a contract agreement for at least a period of one year, to provide the abovementioned services, as may be required, according to the exigencies of the Office and subject to satisfactory performance, the indicated period may be renewed further.

Application forms are available at the Cash Office of the Financial Management Directorate, Block A, Ministry for Resources and Rural Affairs, Triq Francesco Buonamici, Floriana.

Applications, together with the curriculum vitae including qualifications and experience will be received at the Permanent Secretary's Office, Block B, Ministry for Resources and Rural Affairs, Triq Francesco Buonamici, Floriana, by Friday, 28th September, 2012 at noon.

20th September, 2012

MINISTERU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA, NEGOZJI ŻGĦAR U L-KONSUMATUR

Riżultati tal-Intervisti għal Post ta' *Technician* fid-Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern

Id-Direttur Ġenerali (Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern) jgħarraf li r-riżultat tal-intervisti għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-boards* fid-Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern, Berġa tal-Bavièra, Il-Belt Valletta u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

L-20 ta' Settembru, 2012

MINISTRY FOR FAIR COMPETITION, SMALL BUSINESS AND CONSUMERS

Results of Interviews for the Post of Technician at the Government Property Department

The Director General (Government Property Department) notifies that the result of the interviews for the above-mentioned post has been published and can be viewed on the notice-boards at the Government Property Department, Auberge de Bavière, Valletta and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

20th September, 2012

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Riżultat tal-Intervista għall-Post ta' *Practice Development Nurse Paediatrics* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Is-Segretarju Permanenti jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 15, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

L-20 ta' Settembru, 2012

MINISTRY FOR HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Result of Interview for Post of Practice Development Nurse Paediatrics in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

The Permanent Secretary notifies that the result of the interview for the above-mentioned post may be viewed on the main notice-board in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

20th September, 2012

MINISTERU TAL-FINANZI, L-EKONOMIJA U INVESTIMENT

Riżultat Rivedut tal-Intervista għall-Pożizzjoni ta' *Procurement Manager (Electronic)* fid-Dipartiment tal-Kuntratti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat rivedut tal-intervista għall-pożizzjoni msemmija hawn fuq, fin-*notice-board* prinċipali tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment fi 30, Triq Nofsinhar, Il-Belt Valletta u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

L-20 ta' Settembru, 2012

MINISTRY OF FINANCE, THE ECONOMY AND INVESTMENT

Revised Result of Interview for the Position of Procurement Manager (Electronic), in the Department of Contracts, Ministry of Finance, the Economy and Investment

The Permanent Secretary in the Ministry of Finance, the Economy and Investment notifies that the revised result of the interview for the above mentioned position may be viewed on the main notice-board at the Ministry of Finance, the Economy and Investment, 30, Triq Nofsinahr, Valletta and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta

20th September, 2012

CENTRAL BANK OF MALTA

ASSETS AND LIABILITIES AS AT 31 JULY 2012

ASSETS

	€
Gold and gold receivables	10,916,846
Claims on non-euro area residents in fcy	529,069,959
Claims on euro area residents in fcy	261,932,633
Claims on non-euro area residents in euro	348,586,850
Lending related to monetary policy operations	691,450,000
Other claims on euro area credit institutions in euro	318,022
Securities of euro area residents in euro	1,317,261,393
General government debt in euro	0
Intra-Eurosystem claims	50,404,293
Items in course of settlement	2,721,012
Other assets	719,617,396
	3,932,278,404

LIABILITIES

	€
Banknotes in circulation	745,227,120
Liabilities related to monetary policy operations	519,267,773
Other liabilities on euro area credit institutions in euro	0
Debt certificates issued	0
Liabilities to other euro area residents in euro	480,791,570
Liabilities to non-euro area residents in euro	93,201,048
Liabilities to euro area residents in fcy	105,984,724
Liabilities to non-euro area residents in fcy	33,306
Counterpart of special drawing rights allocated by the IMF	115,016,290
Intra-Eurosystem liabilities	1,474,322,629
Items in course of settlement	0
Other liabilities	98,139,311
Provisions	846,888
Revaluation accounts	15,260,625
Capital and reserves	284,187,120
	3,932,278,404

ROBERT CARUANA
FINANCIAL CONTROLLER

RAYMOND A. BONNICI
DIRECTOR
CORPORATE SERVICES

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li minħabba xogħlijiet privati nhar it-Tnejn, 24 ta' Settembru, 2012, nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru 2012 u nhar it-Tlieta, 9 ta' Ottubru 2012 bejn l-10.00 a.m. u nofsinhar, Triq il-Ġnien (il-parti ta' fuq) se tkun magħluqa għat-traffiku kollu.

L-20 ta' Settembru, 2012

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Ħal Għargħur Local Council notifies that due to private works on Monday, 24th September 2012, Tuesday 2nd October 2012 and Tuesday, 9th October 2012 between 10.00 a.m. and noon, Triq il-Ġnien (upper part) will be closed for all traffic.

20th September, 2012

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża illi, b'referenza għall-avviżi l-ġodda li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fid-dati u l-ħin indikat hawn taħt. L-offerti għandhom jiġu mitfugħa fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Sal-10.00 a.m. it-TLIETA, it-13 ta' Novembru, 2012, għal:

CT 183/2012. Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2127/2012. Provvista ta' *implantable cardiac resynchronisation therapy defibrillators* u *leads* – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €130.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-17 ta' Settembru, 2012.

CT 184/2012. Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2154/2012. Provvista ta' *implantable dual chamber cardioverter defibrillator* u *leads* – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €80.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il- *Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-17 ta' Settembru, 2012.

CT 185/2012. Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2124/2012. Provvista ta' A.C.L. *reconstruction system* – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €80.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il- *Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-18 ta' Settembru, 2012.

Lista tal-avviżi kurrenti tinsab permezz tas-sit tad-Dipartiment fuq: (http://www.contracts.gov.mt/current_tenders).

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss minn fuq is-sit tad-Dipartiment tal-Kuntratti, http://www.contracts.gov.mt. L-offerenti huma avżati li mill-istess sit, jistgħu jniżżlu previżjoni tad-dokumenti, bla ħlas. Tinħtieġ reġistrazzjoni sabiex isir użu tas-servizzi elettroniċi tad-Dipartiment: iktar informazzjoni tinsab fuq: (http://www.contracts.gov.mt/help?l=2). Is-sit jipprovdi wkoll informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following new advertisements will be received on the dates and time indicated below. Tenders are to be deposited in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 13th November, 2012, for:

CT 183/2012. Contracts Ref No, CT 2127/2012. Supply of implantable cardiac resynchronisation therapy defibrillators and leads – Health Division. A fee of €130.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 17th September, 2012.

CT 184/2012. Contracts Ref No, CT 2154/2012. Supply of implantable dual chamber cardioverter defibrillators and leads – Health Division. A fee of €80.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 17th September, 2012.

CT 185/2012. Contracts Ref No, CT 2124/2012. Supply of A.C.L. reconstruction system – Health Division. A fee of €80.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 18th September, 2012.

A list of all current advertisements is available from the Department's website: (http://www.contracts.gov.mt/current_tenders).

Tender documents are only obtainable from the website of the Department of Contracts, http://www.contracts.gov.mt. Tenderers are reminded that from this website, they can download preview documents for free. Registration is required in order to make use of the electronic services of the Department: more information is available from: (http://www.contracts.gov.mt/help). The website also provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data memmija aktar 'il fuq.

L-20 ta' Settembru, 2012

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża lill-offerenti kollha illi skont l-AL296 tal-2010 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2010 r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għar-rigward tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ippubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-Offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi juzaw il-*website* uffiċjali tad-Dipartiment: (http://www.contracts.gov.mt).**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġeneral (Kuntratti) skont Partijiet II jew XIII tal-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-Parti tar-Regolamenti.

L-20 ta' Settembru, 2012

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

20th September, 2012

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of LN296 of 2010 of the Public Contracts Regulations 2010 recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice board every Wednesday and Friday after noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the Department's official website: (http://www.contracts.gov.mt).**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with Parts II or XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this Part of the Regulations.

20th September, 2012

DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET

Il-Kummissarju tal-Artijiet jgħarraf li:

Offerti magħluqin għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, is-27 ta' Settembru, 2012.

Avviż Nru. 112. Bejgħ ta' sit li jiġi quddiem id-Dar bl-isem ta' "Big Bon" Triq id-Daħla ta' San Tumas, Iż-Żejtun, muri bl-aħmar u mmarkat 'B' fuq pjanta P.D.7_80_98. Dan is-sit hu soġġett għal servitujiet eżistenti a favur tal-proprjetà adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €500 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sebat elef ewro (€7,000) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 113. Kiri ta' sit f'Dawret il-Mellieħa, limiti tal-Mellieħa, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2010_393_1. Dan is-sit irid jintuża biss għal skop ta' tisbiħ u *landscaping* tal-istess sit. Min jieħu l-offerta jrid iġib provi li wasal għall-ftehim amikevoli mal-bdiewa/okkupanti kollha ta' dan is-sit. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €2,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmintax-il elf u seba' mitt ewro (€18,700) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 27th September, 2012.

Advt. No. 112. Sale of a site in front of House named "Big Bon" Triq id-Daħla ta' San Tumas, Żejtun, shown edged in red and marked 'B' on plan P.D.7_80_98. This site is subject to existing servitudes in favour of adjacent property. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €500 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seven thousand Euro (€7,000) will not be considered

A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 113. Lease of a site in Dawret il-Mellieħa, limits of Mellieħa, shown edged in red on plan P.D.2010_393_1. This site is to be used for embellishment and landscaping purposes only. Successful tenderer is to provide proof that he/she has reached an amicable settlement with all the farmers/occupiers of this site. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €2,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eighteen thousand seven hundred Euro (€18,700) per annum will not be considered.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 114. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli tal-Ħanut Nru. 334, Triq Manwel Dimech kantuniera ma' Triq Santa Marija, Tas-Sliema, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_12_2010. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €500 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elfejn u seba' mitt ewro (€2,700) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 115. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' mitejn u tnejn u għoxrin ewro u ċenteżmu (€222.01) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fis-27 ta' Novembru, 2129, regolat skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Angelo Vella tat-28 ta' Novembru, 1979, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-garaxx bl-isem ta' Volvo Garage fi Triq is-Sgħajtar, Il-Mosta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2011_376. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €2,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut. Offerti anqas mill-ammont ta' erbgħa u tletin elf ewro (€34,000) ma jiġux ikkunsidrati

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 116. Kiri tal-Garaxx Nru. 62, Triq il-Luq, Qasam tad-Djar, Ħaż-Żabbar, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 37_81_51_A_1. Offerti anqas mill-ammont ta' seba' mitt ewro (€700) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Offerti magħluqin għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 4 ta' Ottubru, 2012.

Avviż Nru. 117. Kiri ta' Maħżen Nru. 156, Triq il-Wied tal-Imsida, L-Imsida, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 2010_890. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati

Irid jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 118. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' mija u erbgħa u erbgħin ewro u erbatax-il ċentezmu (€144.14) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 114. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the Shop No. 334, Triq Manwel Dimech corner with Triq Santa Marija, Tas-Sliema, shown edged in red on plan P.D.JO_12_2010. This tender is subject to a right of first refusal. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €500 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of two thousand seven hundred Euro (€2,700) per annum will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 115. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of two hundred and twenty two Euro and one cent (€222.01) per annum, for the remaining period which expires on the 27th November, 2129, as per deed in the acts of Notary Angelo Vella dated 28th November, 1979, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the garage named Volvo Garage in Triq is-Sgħajtar, Mosta, shown edged in red on plan P.D.2011_376. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €2,000 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal. Offers below the amount of thirty four thousand Euro (€34,000) will not be considered

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 116. Lease of Garage No. 62, Triq il-Luq, Housing Estate, Ħaż-Żabbar, shown edged in red on plan P.D. 37_81_51_A_1. Offers below the amount of seven hundred Euro (€700) per annum will not be considered.

A fee of €10 will be charged for each copy of tender document.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 4th October, 2012.

Advt. No. 117. Lease of Store No. 156, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida, shown edged in red on plan P.D. 2010_890. Offers below the amount of one thousand five hundred Euro (€1,500) per annum will not be considered.

A fee of €10 will be charged for each copy of tender document

Advt. No. 118. Sale of the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of one hundred and forty four Euro and fourteen cents (€144.14) per annum, for the remaining period

jintemm fit-23 ta' Marzu, 2130, regolat skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Sciberras tat-30 ta' Ottubru, 1980, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-garaxx bl-isem ta' "Ben" fi Triq il-Falkunier, Il-Fgura, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_13_2009. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €500 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut. Offerti anqas mill-ammont ta' sitta u għoxrin elf ewro (€26,000) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 119. Kiri, għal mhux anqas minn tnax-il sena, tal-Ħanut vojt Nru. 33A, Triq tat-Teatru l-Antik, Il-Belt Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2008_522. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut. Offerti anqas mill-ammont ta' elfejn, tmien mija u wieħed ewro (€2,801) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m.

L-20 ta' Settembru, 2012

which expires on the 23rd March, 2130, as per deed in the acts of Notary Joseph Sciberras dated 30th October, 1980, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of the Garage named "Ben" Triq il-Falkunier, Fgura, shown edged in red on plan P.D.JO_13_2009. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €500 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal. Offers below the amount of twenty-six thousand Euro (€26,000) will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Advt. No. 119. Lease, for not less than twelve (12) years, of the bare Shop No. 33A, Triq tat-Teatru l-Antik, Valletta, shown edged in red on plan P.D.2008_522. This tender is subject to a right of first refusal. Offers below the amount of two thousand eight hundred and one Euro (€2,801) per annum will not be considered.

A fee of €50 will be charged for each copy of tender document.

Tenders should be made only on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents are obtainable from the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m.

20th September, 2012

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Id-Direttur Ġenerali, Dipartiment tax-Xogħlijiet u Servizzi, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-25 ta' Settembru, 2012, fit-Taqsima tal-Kuntratti u l-Akkwisti, Direttorat tal-*Financial Management*, Floriana, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Avviż Nru. 156/2012. Provvista ta' *coated stone* għal xogħlijiet ta' tiswija għad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u Servizzi.

Għandu jitħallas dritt ta' €20 għal kull dokument ta' din l-offerta.

Kwot. Nru. 67/2012. Provvediment ta' Servizzi ta' Konsulenza tal-Inġinerija għall-*Plant Biotechnology Centre*, Ħal Lija.

Dan id-dokument tal-kwotazzjoni jinkiseb mingħajr ħlas.

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

The Director General, Works and Services Department, notifies that:-

Sealed tenders/quotations will be received at the Contracts and Procurement Section, Financial Management Directorate, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 25th September, 2012, for:-

Advt. No. 156/2012. Supply of coated stone for repair works to the Works and Services Department.

A fee of €20 is to be paid for each copy of this tender document.

Quot. No. 67/2012. Provision of Engineering Consultancy Services for the Plant Biotechnology Centre, Lija.

This quotation document is free of charge.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Settembru, 2012, fit-Taqsima tal-Kuntratti u l-Akkwisti, Direttorat tal-*Financial Management*, Floriana, jintlaqgħu offerti/ kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Avviż Nru. 157/2012. Kuntratt perjodiku għall-ġarr biss ta' materjal skavat minn diversi lokalitajiet f'Malta mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

Għandu jitħallas dritt ta' €20 għal kull dokument ta' din l-offerta.

Avviż Nru. 158/2012. Provvista u installazzjoni ta' platform lift in konnessjoni maċ-Ċentru Ċiviku Ġdid tas-Swieqi u Żona Rikreattiva.

Dan id-dokument tal-offerta jinkiseb mingħajr ħlas.

Avviż Nru. 162/2012. Provvista u tqegħid ta' pavimentar naturali fi Ġnien Karen Grech u ċ-Ċentru għall-Komunità f'San Ġwann.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull dokument ta' din l-offerta.

Kwot. Nru. 66/2012. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' *hand liquid wash lotion* lill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

Dan id-dokument tal-kwotazzjoni jinkiseb mingħajr ħlas.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Ottubru, 2012, fit-Taqsima tal-Kuntratti u l-Akkwisti, Direttorat tal-*Financial Management*, Floriana, jintlaqgħu offerti/ kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Avviż Nru. 161/2012. Xogħlijiet meħtieġa biex idawlu l-faċċata tal-Palazz Presidenzjali fi Pjazza Reġina, Valletta.

Dan id-dokument tal-offerta jinkiseb mingħajr ħlas.

Avviż Nru. 163/2012. Provvista, stallazzjoni u manutenzjoni ta' sistema tal-*air conditioning* fis-sala tal-konferenzi fil-Berġa ta' Kastilja, Valletta.

Dan id-dokument tal-offerta jinkiseb mingħajr ħlas.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Ottubru, 2012, fid-Direttorat tal-*Procurement* u *Supply*, Dipartiment tas-*Support* u Servizzi, Floriana, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

*Kwot. Nru. 69/2012. Kuntratt perjodiku għall-provvista u konsenja ta' diversi tipi ta' ngwanti protettivi għad-Dipartiment tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

Sealed tenders/quotations will be received at the Contracts and Procurement Section, Financial Management Directorate, Floriana up to 10.00 a.m. on Friday, 28th September, 2012, for:-

Advt. No. 157/2012. Period contract for the transporting only of excavated material from various localities in Malta for the Ministry for Resources and Rural Affairs.

A fee of €20 is to be paid for each copy of this tender document.

Advt. No. 158/2012. Supply and installation of platform lift in connection with the New Swieqi Civic Centre and Recreational Area.

This tender document is free of charge.

Advt. No. 162/2012. Supply and laying of natural paving material at Ġnien Karen Grech and Community Centre at San Ġwann.

A fee of €50 is to be paid for each copy of this tender document.

Quot. No. 66/2012. Period contract for the supply and delivery of hand liquid wash lotion to the Ministry for Resources and Rural Affairs.

